

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 613/2011**tat-23 ta' Ġunju 2011**

**li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd,
u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS [dwar l-OKS Unika])⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 143 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 614/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 fuq is-sistema komuni għall-kummerċ fl-ovalbumin u l-lactalbumin⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95⁽³⁾ stipula r-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tas-sistema tad-dazji addizzjonal fuq l-importazzjoni u stipula l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd.
- (2) Minn kontrolli regolari tal-informazzjoni li tipprovd i-l-bażi għad-determinazzjoni tal-prezzijiet rappreżentattivi

għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti għandhom ikunu emendati biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skont l-oriġini. Jeħtieġ għalhekk li jiġu ppublikati prezziżiет rappreżentattivi.

- (3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq, jeħtieġ li din l-emenda tiegi applikata malajr kemm jista' jkun.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1484/95 għandu jinbidel bl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakħinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2011.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 181, 14.7.2009, p. 8.

⁽³⁾ ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47.

ANNESS

ġħar-Regolament tal-Kummissjoni tat-23 ta' Ġunju 2011 li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95

“ANNESS I

| Kodiċi NM | Deżejnjazzjoni tal-merkanzija | Prezz rappreżentattiv (€EUR/100 kg) | Garanzija msemmija fl-Artikolu 3(3) (€EUR/100 kg) | Oriġini (¹) |
|------------|--|--|---|-------------|
| 0207 12 10 | Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 70 %, iffriżati | 113,9 | 0 | BR |
| | | 122,6 | 0 | AR |
| 0207 12 90 | Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 65 %, iffriżati | 136,6 | 0 | BR |
| | | 123,9 | 0 | AR |
| 0207 14 10 | Qatħġat dissussati ta' sreidak jew ta' tiġieġ, iffriżati | 202,4 | 29 | BR |
| | | 236,8 | 19 | AR |
| | | 321,2 | 0 | CL |
| 0207 27 10 | Qatħġat dissussati tad-dundjani, iffriżati | 316,3 | 0 | BR |
| | | 383,2 | 0 | CL |
| 0408 11 80 | Isfra tal-bajd | 359,2 | 0 | AR |
| 0408 91 80 | Bajd imnixxef bla qoxra | 336,2 | 0 | AR |
| 1602 32 11 | Preparazzjonijiet nejjin ta' sriedak u tiġieġ | 240,9 | 14 | BR |
| 3502 11 90 | Albumini mnixxa tal-bajd | 575,1 | 0 | AR |

(¹) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi 'ZZ' jiirrappreżenta 'oriġini oħra'.”